DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 28/2019

tat-8 ta' Frar 2019

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE [2020/945]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2321 tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar il-format taċ-ċertifikat ta' bastiment lest għar-riċiklaġġ meħtieġ skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti ([1]) għandha tiġi inkorporata fil-ftehim ŻEE.

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2322 tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar il-format tad-dikjarazzjoni tat-tlestija tar-riċiklaġġ tal-bastiment meħtieġa skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-ftehim ŻEE.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2323 tad-19 ta' Diċembru 2016 li tistabbilixxi l-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-ftehim ŻEE.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2324 tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar il-format tar-rapport tal-bidu previst tar-riċiklaġġ tal-bastiment meħtieġ skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti ([4]) għandha tiġi inkorporata fil-ftehim ŻEE.

(5) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2325 tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar il-format taċ-ċertifikat dwar l-inventarju tal-materjali perikoluži maħruġ skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti ([5]) għandha tiġi inkorporata fil-ftehim ŻEE.

(6) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/684 tal-4 ta' Mejju 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2323 li taġġorna l-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) għandha tiġi inkorporata fil-ftehim ŻEE.

(7) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 32fha (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2398) tal-Anness XX tal-Ftehim ŻEE:

"32fhb. **32016 D 2321**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2321 tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar il-format taċ-ċertifikat ta' bastiment lest għar-riċiklaġġ meħtieġ skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti (ĠU L 345, 20.12.2016, p. 112).

32fhc. **32016 D 2322**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2322 tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar il-format tad-dikjarazzjoni tat-tlestija tar-riċiklaġġ tal-bastiment meħtieġa skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti (ĠU L 345, 20.12.2016, p. 117).

([1]) ĠU L 345, 20.12.2016, p. 112.
([2]) ĠU L 345, 20.12.2016, p. 117.
([3]) ĠU L 345, 20.12.2016, p. 119.
([4]) ĠU L 345, 20.12.2016, p. 129.
([5]) ĠU L 345, 20.12.2016, p. 131.
([6]) ĠU L 116, 7.5.2018, p. 47.

32fhd. **32016 D 2323**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2323 tad-19 ta' Diċembru 2016 li tistabbilixxi l-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti (ĠU L 345, 20.12.2016, p. 119), kif emendata minn:

— **32018 D 0684**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/684 tal-4 ta' Mejju 2018 (ĠU L 116, 7.5.2018, p. 47).

32fhe. **32016 D 2324**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2324 tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar il-format tar-rapport tal-bidu previst tar-riċiklaġġ tal-bastiment meħtieġ skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti (ĠU L 345, 20.12.2016, p. 129).

32fhf. **32016 D 2325**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2325 tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar il-format taċ-ċertifikat dwar l-inventarju tal-materjali perikoluż maħruġ skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti (ĠU L 345, 20.12.2016, p. 131)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2321, (UE) 2016/2322, (UE) 2016/2323, (UE) 2016/2324, (UE) 2016/2325 u (UE) 2018/684 fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Frar 2019, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Frar 2019.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Claude MAERTEN

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.